MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 2883/2002

**Francis Parnis**

**Vs**

**Maltacom plc**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Dicembru 2002 fejn l-attur talab sabiex is-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' Lm800 (tmien mitt Lira Maltin) dovuti ghal differenza ta' pagament ta' *overtime.*

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Permezz ta' sentenza tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji tal-21 ta' Frar 2002 jew gejt promossa ghall Kariga ta' Telegraph Supervising Officer b'effett mill-5 ta' Gunju 1987.

Ghlkemm l-intimata hallsitni d-differenza fil-paga ma hallsitnix din id-differenza ghal dak li hu ‘overtime’ li hdimt f’dan il-perjodu ossia rigward ‘overtime’ bqajt bl-istess hlas li kont thallast fil-kariga li kellhi qabel gejt promossa.

Id-differenza tammonta ghal cirka tmien mitt lira (Lm800). Jiena bghatt ittra ufficjali fit-30 ta’ Settembru 2002 izda bqajt minghajr risposta.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi kwalunkwe pretensjoni bazata fuq l-Att VIII ta’ l-1997 jew fuq id-dritt ta’ azzjoni jew fuq ir-rakkomandazzjonijiet taht l-istess Att, hija perenta ai termini tal-artikolu 9 ta’ l-istess Att. L-attur ma jistax, kif qed jintenta, jestendi l-effett ta’ l-istess Att bi proceduri quddiem dan it-Tribunal;
2. Illi inoltre t-talba attrici tinsab preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2147 (c0 tal-Kodici Civili.
3. Illi f’kull kaz, id-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji ma hijiex sentenza u ma taghtix titolu li jista` jigi inforzat. Dak it-Tribunal jaghmel biss rakkomandazzjonijiet, u effettivament fid-decizjoni msemmija mill-attur, it-Tribunal irrakomanda rimedju kompensattiv ghall-ilment tal-attur. Kienet is-socjeta` konvenuta li wara dik ir-rakkomandazzjoni ghazlet li taghti l-promozzjoni u l-kumepns li tat lill-attur. Is-socjeta` eccepjenti ma dahlet fl-ebda obbligazzjoni fil-konfront tal-attur ghajr dak li kkoncedietlu bid-decizjoni taghha.
4. Illi f’kull kaz it-talbiet ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghadhom jigi respinti bl-ispejjes kontra tieghu.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-azzjoni attrici temani mill-Att VIII tal-1997 li stabilixxa t-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji.

Kienet ligi specjali li stabbiliet Tribunal Specjali. L-effetti tieghu ghalhekk ghandhom jkunu interpellati b’mod ristrettiv. Jekk jezisti xi dritt, dana ghandu jkun originatorju mill-istess decizjoni li tinghata wara debita nvestigazzjoni.

Illi l-kawza odjerna ma tirrigwardjax salarju u/jew allowances, izda pagament ta' *overtime* li kien sar izda thallas bir-rata tal-grad minn okkupat effettivament li ghandu.

Illi l-kuncett ta' *overtime* hija xi haga straordinarja u/jew eccezzjonali fid-dinja tax-xoghol. L-*overtime* jinhadem meta jinqala' l-bzonn tieghu. Veru mhux bi dritt. Di fatti ma jittiehdux in konsiderazzjoni f'cirkostanzi meta jigi kolkolat id-dhul ta' persuna. Ghaliex? Ghax mal-grad li bniedem jokkupa jigi akkreditat s-salarju/*allowances* – din hija n-normalita`. L-*overtime* mhux parti mis-salarju.

Meta l-attur ha l-*promotion* b'effett vefoattiv, thallas ukoll id-differenza tas-salarji /*allowances*. Tal-*overtime* le! U hekk ghandu jkun.

Jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u in vista tan-novita` tal-kaz, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------